KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RUIZ-JARABO COLOMER
ippreżentati fid-19 ta' Ġunju 2008 [1]

I — Introduzzjoni

1. Il-Højesteret (Qorti Suprema) Daniża qed titlob kjarifikazzjonijiet mingħand il-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 91/533/KEE [2] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 91/533"), fil-kuntest ta' proċeduri relattivi għad-dritt tax-xogħol fejn ir-rikorrent, R. Andersen, qed jallega l-inapplikabbiltà ta' ftehim kollettiv li ttraspona d-Direttiva 91/533 li qed jiksirlu d-drittijiet tiegħu billi, b'differenza mil-liġi nazzjonali, dan jippermetti lil min jimpjega, wara li jiġi nnotifikat, jirretifika ittra ta' ħatra li jkollha l-iżbalji.

2. F'dan il-kuntest il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk is-sħubija ma' sindakat hijiex indispensabbli biex impjegat ikun kopert bi ftehim kollettiv li jitttrasponi d-Direttiva 91/533. L-ewwel żewġ domandi preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja għandhom x'jaqsmu ma' dan il-punt.

3. R. Andersen jinvoka wkoll in-natura allegatament "temporanja" tar-relazzjoni ta' impjieg tiegħu, li teżonerah mill-obbligu, stabbilit fid-Direttiva 91/533, li jinnotifika lil min iħaddem. Il-qorti tar-rinviju għandha dubju dwar is-sinjifikat tal-kliem "b'kuntratt temporanju jew b'relazzjoni ta' l-impjieg [ta' natura temporanja]" użat fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/533 billi ebda leġiżlazzjoni Komunitarja ma użat qabel din it-terminoloġija, u tistaqsi, fit-tielet lok, jekk hijiex qiegħda ssir referenza għar-relazzjonijiet kollha għal żmien speċifikat jew biss għal dawk għal żmien qasir.

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt Komunitarju*

4. Id-Direttiva 91/533, li tiżviluppa l-punti 9 u 17 tal-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Fun-

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 — Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE, tal-14 ta' Ottubru 1991, dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kondizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjieg (ĠU L 288, p. 32).

damentali Soċjali tal-Ħaddiema [3], ġiet ikkonċepita biex tarmonizza fil-kuntest tal-Unjoni Ewropea l-obbligu li kien diġà impost minn xi Stati Membri, li r-relazzjonijiet ta' impjieg jiġu suġġetti għal ċerti ħtiġiet formali biex il-ħaddiema impjegati jiġu mħarsa kontra l-ksur tad-drittijiet tagħhom (it-tieni u s-sitt premessi). Fil-qofol, hija maħsuba biex telimina d-differenzi bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fir-rigward tal-informazzjoni fuq l-aspetti prinċipali tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' impjieg.

5. Skont l-Artikolu 1 tagħha, id-Direttiva 91/533 tapplika "għal kull impjegat imħallas li għandu kuntratt jew relazzjoni ta' l-impjieg" (l-Artikolu 1(1)) madankollu l-Istati Membri jistgħu jeskludu l-effetti tagħha: a) meta l-perijodu totali ma jaqbiżx xahar u/jew meta ġimgħa ta' ħidma ma taqbiżx it-tmien siegħat; jew b) fil-każ ta' kuntratti ta' natura okkażjonali, meta jeżistu kunsiderazzjonijiet oġġettivi li jiġġustifikaw li d-direttiva ma tiġix applikata.

6. L-Artikolu 2 jimponi fuq min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiem "bl-aspetti essenzjali tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjieg" (l-Artikolu 2(1)) fosthom il-perijodu ta' żmien ta' xogħol mistenni meta jkun kuntratt jew relazzjoni ta' impjieg ta' natura temporanja [l-Artikolu 2(2)(e)]. Dik il-komunikazzjoni għandha ssir bil-miktub f'waħda mill-forom stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 91/533.

3 — Adottata mill-Kunsill tal-Ewropa fi Strasburgu fid-9 ta' Diċembru 1989.

7. L-Artikolu 8, li dwaru saru d-domandi preliminari, jirregola d-difiża tad-drittijiet mogħtija mid-Direttiva 91/533 u jimponi fuq l-Istati Membri li jiggarantixxu lill-individwi l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom fil-qrati (l-Artikolu 8(1)). L-Artikolu 8(2) jistabbilixxi li dawn ir- rimedji legali jistgħu jiġu invokati fi żmien 15-il jum minn meta min iħaddem ikun ġie nnotifikat mill-ħaddiem, fin-nuqqas ta' risposta minn min iħaddem. Madankollu din iċ-ċirkustanza mhijiex meħtieġa fil-każ ta' ħaddiema espatrijati, għal dawk li għandhom "kuntratt temporanju jew [...] relazzjoni ta' l-impjieg [ta' natura temporanja]" u lanqas għal dawk li mhumiex koperti bi ftehim kollettiv.

8. L-Artikolu 9 tad-Direttiva 91/533 jistabbilixxi li l-Istati Membri kellhom jadottaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-direttiva mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1993 jew kellhom jaċċertaw li "sa din id-data" r-rappreżentanti ta' min iħaddem u tal-ħaddiema jintroduċu d-dispożizzjonijiet meħtieġa "permezz ta' ftehim", filwaqt li l-Istati Membri kienu obbligati jieħdu l-passi neċessarji sabiex f'kull ħin jkunu jistgħu jiggarantixxu r-riżultati imposti mid-Direttiva 91/533.

B — *Id-dritt Daniż*

9. Biex jikkonforma mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 91/533 l-ordinament legali Daniż għażel din l-istrateġija doppja: minn naħa,

approva liġi dwar l-obbligu ta' min iħaddem li jinforma lill-ħaddiem bil-kundizzjonijiet applikabbli għar-relazzjoni ta' impjieg [4], u, min-naħa l-oħra, ikkonkluda diversi ftehim kollettivi f'diversi setturi.

b) Il-ftehim KTO

12. Fost id-diversi ftehim kollettivi li ttrasponew id-direttiva ċċitata fid-dritt Daniż kien hemm dak iffirmat fid-9 ta' Ġunju 1993 bejn l-Amtsråtsforeningen (federazzjoni tal-kunsilli dipartimentali), il-Kommunernes Landsforening (assoċjazzjoni nazzjonali tal-Komuni), il-Komuni ta' Copenhagen u ta' Frederiksberg u l-Kommunale Tjenestemænd og Overenskomstansatte (sindakat tal-uffiċjali u l-ħaddiema kuntrattwali muniċipali; iktar 'il quddiem il-"ftehim KTO"). Skont il-Højesteret il-Komuni Daniżi jestendu l-ftehim kollettiv inkwistjoni lill-impjegati kollha tagħhom, indipendentement minn jekk ikunux membri ta' sindakat [5].

a) Il-Liġi Daniża fuq il-prova tal-ħatra

10. Il-Liġi Daniża fuq il-prova tal-ħatra tawtorizza lill-ħaddiem impjegat jadixxi lill-qrati direttament bir-rimedji legali mingħajr ma jkollu bżonn jinnotifika minn qabel lil min iħaddmu.

11. L-Artikolu 1(3) tal-Liġi inkwistjoni jirrikonoxxi l-karattru tagħha sempliċiment sussidjarju, filwaqt li jiġi pprivileġġat kull ftehim kollettiv li jimponi fuq min iħaddem l-obbligu li jgħarraf lill-ħaddiem impjegat dwar il-kundizzjonijiet tar-relazzjoni ta' impjieg, sakemm dan il-ftehim ikun fih klawżoli li jkunu konformi mad-Direttiva 91/533.

13. Abbażi tal-Ftehim KTO, l-entità lokali li ma tikkonsenjax fiż-żmien previst il-kuntratt tax-xogħol preskritt jew li tipprovdi dokument mhux komplet jew irregolari għandu terminu ta' ħmistax-il ġurnata biex jerġa' jagħmlu, wara li jkun ġie innotifikat millħaddiem. Jekk jonqos li jagħmel dan, l-impjegat jista' jadixxi l-qrati biex isostni d-drittijiet tiegħu.

4 — Test ikkonsolidat approvat bil-Liġi tal-11 ta' Mejju 1994, nru 385, "Antsættelsesbevislov"; iktar 'il quddiem: il-"Liġi Daniża fuq il-prova tal-ħatra".

5 — Fatt li ġie kkonfermat matul it-trattazzjoni orali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mir-rappreżentanti tal-Gvern Daniż u tal-Kommunernes Landsforening.

III — Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

14. R. Andersen ipparteċipa, matul 5 perijodi, fi programmi ta' reintegrazzjoni professjonali individwali tal-iSkælskør Kommune (Komun ta' Skælskør), bħala benefiċjarju ta' benefiċċji fi flus kontanti ta' għajnuna soċjali. Il-ħames kuntratti korrispondenti ġew iffirmati b'intervalli ta' bejn xahar u tnax-il xahar, madankollu l-ebda wieħed minnhom ma dam għal aktar minn xahar minħabba l-assenzi ripetuti tal-persuna kkonċernata.

15. Għal kull wieħed minn dawn l-impjiegi R. Andersen irċieva ittra ta' ħatra li ma kinitx tissodisfa l-ħtiġiet tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 91/533. Wara li indika dan il-fatt lill-muniċipju, Andersen irċieva, fi żmien ħmistax-il ġurnata, ittri ġodda korretti kif suppost.

16. Madankollu, R. Andersen sostna li l-ftehim KTO ma kienx applikabbli għalih [6] u b'hekk, invoka l-Liġi Daniża fuq il-prova tal-ħatra u fetaħ kawża direttament biex jikseb kumpens. In-notifika minn qabel ta' min iħaddem, prevista fil-ftehim KTO, mhijiex meħtieġa mil-liġi, u għalhekk, fil-fehma tar-rikorrent, ir-rettifika tal-awtorità ta' Skælskør mhijiex valida.

17. Billi r-rikors tiegħu ġie miċħud fl-ewwel istanza, Andersen appella quddiem il-Højesteret, li tikkunsidra li s-soluzzjoni tal-kwistjoni tiddependi mill-interpretazzjoni tad-Direttiva 91/533 u bagħtet lill-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 234 KE, it-tliet domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 91/533 […] għandu bħala effett li ftehim kollettiv li hu intiż biex jittrasponi d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva ma japplikax għal ħaddiem li mhuwiex membru ta' waħda mill-organizzazzjonijiet sindakali firmatarji ta' dan il-ftehim?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija negattiva, l-espressjoni 'ħaddiema mhux koperti minn ftehim kollettiv jew minn ftehim kollettiv[i] li jirrelataw mar-relazzjoni ta' l-impjieg' li tinsab f[it-tieni subparagrafu ta]l-Artikolu 8(2) ta' din id-Direttiva, għandha tiġi interpretat fis-sens li l-klawżoli ta' ftehim kollettiv li jimponu n-notifika minn qabel ta' min iħaddem ma japplikawx għal ħaddiem li

6 — Matul is-seduta l-avukat ta' R. Andersen ma ddubitax mill-possibbilità li l-ftehim kollettiv jiġi estiż lil ħaddiema li mhumiex membri ta' union, għalkemm żied li, f'dan il-każ, dan il-ftehim kollettiv ma kellux jiġi applikat billi ma kellux dispożizzjonijiet ta' sanzjoni, u żied li ma kienx jikkunsidra li kienet skorretta t-traspożizzjoni tad-Direttiva 91/533 magħmula mill-Ftehim KTO.

mhuwiex membru ta' waħda mill-organizzazzjonijiet sindakali firmatarji ta' dan il-ftehim?

3) L-espressjonijiet 'kuntratt temporanju' u 'relazzjoni ta' l-impjieg [ta' natura temporanja]' li jinsabu f[it-tieni subparagrafu ta]l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva jirreferu għal relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien qasir jew għal kwalunkwe tip ta' relazzjoni ta' impjieg għal żmien speċifikat? Fl-ewwel każ, skont liema kriterji relazzjoni ta' impjieg għandha tiġi kkunsidrata bħala temporanja (għal żmien qasir)?"

IV — Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

18. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' Lulju 2007.

19. Ġew ippreżentati noti ta' osservazzjonijiet mill-partijiet fil-kawża prinċipali, mill-Kummissjoni u mill-Gvern Taljan u dak Żvediż.

20. Matul is-seduta tal-15 ta' Mejju 2008 ippreżentaw l-osservazzjonijiet orali tagħhom ir-rappreżentanti ta' R. Andersen, tal-Kommunernes Landsforening, tar-Renju tad-Danimarka u tal-Kummissjoni.

V — Analiżi tad-domandi preliminari

A — *Fuq l-ewwel domanda*

21. Fl-ewwel domanda preliminari l-Højesteret trid taċċerta jekk, skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 91/533 ftehim kollettiv li jittrasponi din il-leġiżlazzjoni Komunitarja fid-dritt nazzjonali japplikax biss għall-impjegati li jkunu membri ta' waħda mill-organizzazzjonijiet sindakali li nnegozjawh.

22. Il-partijiet kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet f'dawn il-proċeduri ta' domanda preliminari jissuġġerixxu risposta negattiva. L-Artikolu 8(1) jobbliga lill-Istati Membri jintroduċu fl-ordinamenti legali interni rispettivi l-miżuri meħtieġa biex il-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom quddiem il-qrati. Għal-leġiżlazzjoni Komunitarja mhuwiex rilevanti b'liema strumenti legali jintlaħaq dan l-għan.

23. B'mod konformi mal-Artikolu 137(3) KE, l-Artikolu 9 tad-Direttiva 91/533 jħalli lill-Istati l-għażla tal-mod kif issir it-traspożizzjoni, u dan jista' jsir direttament, bl-adozzjoni tal-liġijiet, regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa, jew inkella billi l-imsieħba soċjali jingħataw il-kompitu li jiffirmaw ftehim [7].

24. Din il-possibbilità li "tiġi ddelegata" lir-rappreżentanti tal-ħaddiema jew ta' min iħaddem t-traspożizzjoni tar-regoli Komunitarji ġiet studjata mill-ġurisprudenza f'diversi okkażjonijiet [8]. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din il-possibbilità ma teħlisx lill-Istati Membri mill-obbligu li jiggarantixxu, permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, li l-ħaddiema jgawdu mill-protezzjoni stabbilita mid-Direttiva 91/533 fil-firxa kollha tagħha, u ppreċiżat li, meta t-traspożizzjoni tkun saret b'mod simultanju permezz ta' liġi u ftehim kollettiv wieħed jew iżjed, il-"garanzija statali" għandha tkopri l-każijiet kollha fejn ma jkunx hemm ħarsien effettiv ieħor, tkun xi tkun il-kawża ta' dan in-nuqqas.

25. Għalhekk xejn ma jipprekludi li t-traspożizzjoni tad-Direttiva 91/533 issir permezz ta' ftehim kollettiv, sakemm l-Istat Membru jimpenja ruħu biex il-vantaġġi li jitnisslu mid-dispożizzjonijiet tad-direttiva jkunu jistgħu jiġu invokati mid-destinatarji kollha, permezz ta' ftehim kollettiv jew regola nazzjonali sussidjarja.

26. Barra minn hekk, id-Direttiva 91/533 ma tiddelimitax il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-kuntratti eventwali jew tar-regoli nazzjonali li jittrasponuha u lanqas ma tipprojbixxi li ftehim kollettiv ta' dan it-tip ikun estiż għal individwi li ma jkunnux membri tas-sindakati li nnegozjawh.

27. Mill-ġurisprudenza lanqas jirriżulta li l-ordinament legali Komunitarju jimpedixxi l-aċċess għall-ħarsien kuntrattwali lil dawk li mhumiex membri ta' sindakat. Fil-verità, is-sentenzi li ġew iċċitati qabel semmew speċifikament diversi każijiet fejn kellha tiġi applikata l-"garanzija statali" (li tingħata mill-liġi li tittransponi d-Direttiva): "*jekk il-ħaddiema mhumiex membri ta' sindakat*, jekk fis-settur inkwistjoni ma jeżistix ftehim kollettiv jew jekk il-ftehim kollettiv ma jiggarantixxix il-prinċipju ta' remunerazzjoni indaqs".

28. B'dawn il-premessi l-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li huwa kull Stat, fl-aħħar mill-aħħar, li għandu jiggarantixxi li l-ebda grupp ma jibqa' eskluż mill-kopertura tad-Direttiva 91/533 u elenkat xi sitwazzjonijiet, bħala eżempji, fejn il-ħaddiem ma jkollux difiża oħra għajr dik legali. Dan jiġri fin-nuqqas ta' ftehim kollettiv,

7 — L-aħħar premessa tad-Direttiva fiha dispożizzjoni identika.

8 — Sentenzi tat-30 ta' Jannar 1985, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (143/83, Ġabra p. 427); tat-28 ta' Marzu 1985, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (215/83, Ġabra p. 1039); tal-10 ta' Lulju 1986, Il-Kummissjoni vs L-Italja (235/84, Ġabra p. 2291); u tat-28 ta' Ottubru 1999, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-187/98, Ġabra p. I-7713).

meta fi ftehim eżistenti ma jkunux inklużi d-drittijiet kollha msemmijin fid-Direttiva 91/533, jew meta ma jkunx japplika għal xi kategoriji ta' ħaddiema tas-settur, bħal dawk li mhumiex imseħbin.

29. Fis-sustanza, huwa kompitu ta' kull ordinament legali li jiddefinixxi l-kapaċità vinkolanti u l-qasam ta' estensjoni tal-ftehim kollettiv. Dan huwa dak li stabbilixxa l-leġiżlatur Komunitarju, skont il-loġika, billi l-eżistenza ġewwa l-Unjoni ta' kunċetti tan-negozjar kollettiv differenti ħafna tagħmilha diffiċli li tingħata risposta li ma jkollhiex x'taqsam purament mad-dritt intern [9].

30. Bl-eċċezzjoni magħrufa tar-Renju Unit, fejn il-ftehim kollettiv m'għandu l-ebda forza regolatorja u, saħansitra, lanqas kuntrattwali [10], fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea tibqa' fis-seħħ il-karatterizzazzjoni li għamilha famuża Carnelutti: "il-ftehim kollettiv huwa ibridu li għandu l-ġisem tal-kuntratt u r-ruħ tal-liġi" [11].

31. Hemm differenzi akbar fir-rigward tal-effikaċja ta' dawn il-ftehim u, b'mod konkret, il-possibbilità li jiġu estiżi lil hinn mill-partijiet kuntrattwali (per eżempju, għal dawk li ma jkunux membri ta' sindakati firmatarji jew dawk li jkunu jappartjenu għal organizzazzjonijiet li ma ħadux sehem fin-negozjati). Uħud mill-Istati Membri jipprojbixxu għal kollox din l-estensjoni, filwaqt li l-oħrajn jistabbilixxu diversi mekkaniżmi biex din isseħħ (deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja, sħubija jew awtomatikament bis-saħħa ta' rappreżentattività akbar tal-firmatarji) [12].

32. Issa, jekk — kif jiġri f'xi Stati Membri — il-ftehim kollettiv ma jistax jiġi invokat mill-ħaddiema li mhumiex membri, tidħol fis-seħħ id-dispożizzjoni statali adottata għal dan l-iskop; f'każ kuntrarju, il-liġi ta' traspożizzjoni taħdem biss sussidjarjament. Jidher li dan huwa l-każ fil-kwistjoni li tat lok għal din

9 — Kif jindika tajjeb Díez-Picazo, l-oriġini tar-regoli jew tas-sorsi tal-liġi tirrifletti d-diviżjoni tal-poter f'kull soċjetà, "un problema eminentemente político, por una parte, y una cuestión de índole sociológica por otra parte" (problema politika b'mod eminenti, minn naħa, u kwistjoni ta' natura soċjoloġika mill-oħra) (Díez-Picazo L.M u Ponce de León, *Experiencias jurídicas y teoría del Derecho,* it-Tielet ed. Ariel, 1993, p. 136).

10 — F'dan is-sens, Deakin u Morris jaffermaw li l-bażi tal-effett regolatorju ta' ftehim kollettiv hija fil-livell tal-kuntratt ta' xogħol individwali, billi tal-ewwel m'għandux ir-"regulating effect" (effett regolatorju) li huwa rikonoxxut f'sistemi oħrajn (Deakin, S. u Morris, G., *Labour Law,* it-Tieni ed., Butterworths, 1998, p. 261). Fuq l-istess idea, Pitt iżid igħid li din is-singularità tar-relazzjonijiet industrijali Britanniċi hija kważi unika fil-kuntest Ewropew ħaġa li kultant toħloq problemi fit-traspożizzjoni tad-direttivi (Pitt, G., *Employment Law,* il-Ħames ed., Thomson — Sweet & Maxwell, 2004, p. 120).

11 — F. Carnelutti, *Teoria del regolamento collettivo dei rapporti di lavoro,* Padova, 1927, p. 108.

12 — Analiżi komparattiva tal-istatus ġuridiku u tal-possibbilità ta' estensjoni tal-ftehim kollettiv fis-seba' u għoxrin Stat Membru tidher fl-istudju : *Industrial Relations in Europe 2006* (*Table 2.1: Normative function of collective bargaining: legal status and extension procedures as examples*), imħejji mill-Kummissjoni u prodott mill-konvenuta fil-kawża prinċipali.

it-talba għal deċiżjoni preliminari [13], għalkemm hija l-qorti nazzjonali li għandha tikkjarifika dan il-fatt.

33. Bħala konsegwenza ta' dan, l-Artikolu 8 (1) tad-Direttiva 91/533 jħalli lill-Istati Membri liberi li jestendu ftehim kollettiv intiż biex jittrasponi din id-direttiva fid-dritt nazzjonali, lill-individwi li mhuma membri tal-ebda sindakat li nnegozjah. Jekk ftehim li jittrasponi d-direttiva b'mod adegwat ikun applikabbli għal impjegat, membru jew le, bħala regola, l-użu tiegħu jeskludi dak tal-liġi nazzjonali li hi ta' natura sussidjarja.

B — *Fuq it-tieni domanda*

34. L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/533 jagħti lill-Istati Membri l-fakultà li jissuġġettaw il-ħarsien quddiem il-qrati tad-drittijiet rikonoxxuti għal formalità li tikkonsisti fl-għoti lil min iħaddem ta' perijodu ta' żmien ulterjuri ta' ħmistax-il ġurnata biex jieħu azzjoni skont in-notifika li jkun bagħatlu l-impjegat ikkonċernat. Madankollu t-tieni sentenza tal-imsemmi Artikolu 8(2) tintroduċi tliet eċċezzjonijiet, billi n-notifika mhijiex meħtieġa min-naħa tal-ħaddiem espatrijat u lanqas minn dawk "b'kuntratt temporanju jew b'relazzjoni tal-impjieg [ta' natura temporanja]" jew minn dawk li "mhux koperti minn ftehim kollettiv jew minn ftehim kollettivi li jirrelataw mar-relazzjoni ta' l-impjieg". Il-qorti nazzjonali qed titlob preċiżazzjonijiet dwar l-estensjoni u t-tifsira ta' dawn l-esklużjonijiet.

35. It-tieni domanda preliminari tintrabat mar-riflessjonijiet magħmulin fir-rigward tad-domanda preċedenti. Il-Højesteret tistaqsi jekk il-kliem "ħaddiema mhux koperti minn ftehim kollettiv jew minn ftehim kollettiv[i] li jirrelataw mar-relazzjoni ta' l-impjieg" li jinsab fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/533 jeżentax mill-obbligu ta' notifika minn qabel l-individwu li mhuwiex membru tal-organizzazzjonijiet sindakali li ħadu sehem fin-negozjati tal-ftehim.

36. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta għandha tkun negattiva billi lanqas l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva ma jikkunsidra s-sħubija f'sindakat bħala fattur determinanti biex impjegat ikun protett minn ftehim kollettiv li jittrasponi l-leġiżlazzjoni Komunitarja.

37. Il-kliem tad-dispożizzjoni huwa ċar. Jintuża l-kliem "ħaddiema *mhux koperti* minn ftehim kollettiv jew minn ftehim kollettiv[i] li jirrelataw mar-relazzjoni ta' l-impjieg" [14]. Għar-raġunijiet imsemmijin fil-

13 — L-Artikolu 1(3) tal-liġi Daniża fuq il-prova tal-ħatra jirrikonoxxi s-sussidjarjetà tagħha fir-rigward ta' ftehim kollettiv li jittrasponi d-Direttiva 91/533; il-ftehim KTO msemmi, skont dak li qalet il-Højesteret, japplika għall-impjegati muniċipali kollha, kemm jekk huma membri ta' sindakat jew le.

14 — Huma daqstant ċari l-verżjonijiet bil-Franċiż ("non couverts par"), bl-Ingliż ("not covered by") u bil-Ġermaniż ("Regelung unterliegt").

punt V, parti A ta' dawn il-konklużjonijiet m'għandux jinftiehem li din is-sentenza tirreferi esklużivament għall-ħaddiema li huma membri ta' sindakat. Id-Direttiva 91/533 ma tagħtix definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-ftehim kollettivi li jittrasponuha u tħalli dan f'idejn il-leġiżlaturi nazzjonali; għaldaqstant, l-Artikolu 8(2) ma jipprekludix li klawżoli ta' ftehim kollettiv — inklużi, f'dan il-każ, dawk li jimponu n-notifika ta' min iħaddem bħala kundizzjoni biex jitfittex rimedju legali — japplikaw ukoll għal dawk li mhumiex membri.

38. Jibqa' biex jiġi vverifikat jekk dan l-aspett huwiex kompatibbli mal-għanijiet tad-direttiva inkwistjoni meta ssemmi n-notifika minn qabel.

39. Ix-xogħlijiet preparatorji ma jitfgħux dawl fuq dan il-punt, billi n-notifika inkwistjoni żdiedet lejn it-tmiem tal-proċedura leġiżlattiva u għalhekk l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [15] u tal-Parlament Ewropew [16] ma kkunsidrawx dak l-aspett. Minkejja dan, kif tissuġġerixxi ġustament il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, mhuwiex diffiċli tobsor li l-miżura trid tevita l-kwistjonijiet, billi l-kunflitti jiġu riżolti permezz ta' mezzi b'anqas spejjeż u anqas kumplessi mir-rimedji ġudizzjarji. Imma dan l-għan ġenerali ta' ekonomija fil-proċeduri jkollu jwarrab quddiem għan superjuri tad-Direttiva 91/533, jiġifieri dak li jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-ħaddiema; huwa għalhekk li l-Artikolu 8(2) jipprova jevita li n-notifika inkwistjoni tkun formalità eċċessiva li fil-prattika tagħmilha diffiċli li l-ħaddiema li jkunu f'sitwazzjonijiet anqas favorevoli jiddefendu lilhom infushom.

40. Wara li ġie premess dan jidher li huwa prudenti li ħaddiem mhux protett minn ftehim kollettiv tas-settur relattiv ma jintalabx javża l-impriża qabel ma jressaq rikors. Il-fatt li ma jgawdix minn dak provdut fil-ftehim kollettiv ipoġġih f'pożizzjoni iktar dgħajfa, li tiġi aggravata jekk min iħaddem jingħata t-tieni opportunità biex isewwi l-iżbalji tiegħu.

41. Għaldaqstant, il-punt essenzjali biex jiġi deċiż jekk għandhiex tintalab in-notifika minn qabel mhuwiex li ħaddiem ikun imsieħeb ma' sindakat, imma pjuttost li jiġi vverifikat jekk il-ftehim kollettiv japplikax għalih; fatt li kif ġie spjegat fid-dettall fil-punt V.A ta' dawn il-konklużjonijiet, huwa indipendenti minn din is-sħubija. Ħaddiem suġġett għall-ftehim kollettiv igawdi, indipendentement minn jekk ikunx membru ta' sindakat jew le, minn ħarsien biżżejjed li ma jonqosx bl-għoti ta' ħmistax-il ġurnata addizzjonali lil min iħaddem: f'dan il-każ l-eċċezzjoni xejn ma hija fondata. Bil-kontra, għal dawk li mhumiex koperti bil-ftehim kollettiv (għaliex mhumiex imsieħba f'sindakat jew għal raġunijiet oħrajn) għandha tingħata l-possibbilità li jadixxu direttament lill-qrati biex iħarsu d-drittijiet tagħhom.

42. L-interpretazzjoni grammatikali u teleoloġika tad-dispożizzjoni inkwistjoni twassal

15 — ĠU 1991 C 159, p. 32.
16 — ĠU 1991 C 240, p. 21.

għall-idea li l-punt importanti biex tiġi eskluża n-notifika mhuwiex li wieħed ikun membru ta' sindakat, imma li wieħed ikun kopert minn ftehim kollettiv, bil-livell għoli ta' ħarsien li jiżgura dan l-istrument.

C — *Fuq it-tielet domanda*

43. It-tielet domanda tal-Højesteret hi intiża biex tiġi ppreċiżata l-portata ta' eċċezzjoni oħra għall-obbligu ta' notifika taħt l-Artikolu 8 (2) tad-Direttiva 91/533.

44. Id-dubju jinqala' minħabba l-użu tal-kliem "b'kuntratt temporanju jew b'relazzjoni ta' l-impjieg [ta' natura temporanja]" li qatt ma kien intuża sa dakinhar fid-dritt Komunitarju. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk id-Direttiva ċċitata tirriferixxix għar-relazzjonijiet kollha ta' impjieg għal żmien speċifikat jew biss għal impjiegi għal żmien qasir.

1. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2) ma jinkludix il-"kuntratti jew relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien speċifikat" kollha

45. Il-kategorija legali "relazzjoni ta' impjieg għal żmien speċifikat" hija kkontemplata minn diversi liġijiet nazzjonali u daħlet fid-dritt Komunitarju bid-Direttivi 75/129/KEE [17], 91/383/KEE [18] u 1999/70/KE [19].

46. Imqabblin ma' kuntratti għal żmien bla limitu, li jirrappreżentaw it-tip l-aktar komuni ta' rabta bejn min iħaddem u l-ħaddiema, dawk stipultati għal perijodi speċifiċi minn qabel huma kemmxejn eċċezzjonali billi jirrispondu għal ħtiġiet konkreti ta' min iħaddem jew tas-suq. Minkejja t-tendenza ta' bħalissa għal aktar "flessibbilità" tad-dritt fis-settur soċjali [20], il-leġiżlazzjoni fuq ix-xogħol ta' diversi Stati Membri hija ispirata mill-prinċipju tal-istabbilità tal-impjieg li jillimita l-użu ta' kuntratt għal żmien speċifikat. Per eżempju, l-Estatuto de los Trabajadores español [21](statut Spanjol tal-ħaddiema), jillimita l-konklujoni ta' din l-għamla ta' kuntratti għall-każijiet awtorizzati fl-Artikolu 15 tiegħu. Il-Code du travail (kodiċi tax-xogħol) Franċiż jindika, fl-Artikolu L-1242-1, li l-kuntratt għal żmien speċifikat ma jistax jintuża fit-

17 — Direttiva tal-Kunsill 75/129/KEE, tas-17 ta' Frar 1975, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar sensji kollettivi (ĠU L 48, p. 29).

18 — Direttiva tal-Kunsill 91/383/KEE, tal-25 ta' Ġunju 1991, li tissupplementa l-miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa fix-xogħol tal-ħaddiema li għandhom relazzjoni ta' impjieg b'dewmien fiss [għal żmien speċifikat] jew ta' impjieg temporanju (ĠU L 206, p. 19).

19 — Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU L 175, p. 43).

20 — Wieħed mill-aspetti tagħha l-aktar rilevanti hija, skont Alonso Olea, il-possibbilità kbira li jiġu stipulati kuntratti għal żmien speċifikat, billi "el empresario se descarga así en parte del riesgo derivado del nivel de actividad económica, al acomodar a su variación —en general y no en supuestos concretos— la dimensión de su personal" (min iħaddem jeħles in parti mir-riskju li jitnissel mil-livell ta' attività ekonomika, billi adatta l-ammont tal-persunal għall-varjazzjoni ta' dan il-livell — ġeneralment u mhux f'każijiet konkreti). L-awtur inkwistjoni, minkejja dan, jirrikonoxxi li llum il-ġurnata l-prinċipju ta' stabbilità m'għadux sejjer lura għaliex teżisti għajnuna għal kuntratti għal żmien bla limitu (M. Alonso Olea u M. E. Casas Baamonde, *Derecho del Trabajo,* id-19-il ed., Civitas, Madrid, 2001, p. 251).

21 — Test ikkonsolidat tal-Ley del Estatuto de los Trabajadores, approvat bir-Real Decreto legislativo tal-24 ta' Marzu 1995, nru 1/1995 (B.O.E. tad-29 ta' Marzu 1995).

tul għal xogħol li għandu x'jaqsam ma' attività normali u permanenti tal-impriża, u jirrestringi l-użu tiegħu għall-każijiet elenkati fl-Artikolu L-1242-2, għat-twettiq ta' "biċċa xogħol preċiża u temporanja", u fiċ-ċirkustanza partikolari stipulati fl-Artikolu L 1242-3.

47. Dan l-aspett ta' ħarsien ipoġġi fuq pjan ugwali d-drittijiet ta' ħaddiema hekk imsejħa "stabbli" u dawk li għandhom kuntratti għal żmien speċifikat. Id-dritt Komunitarju rratifika, mingħajr tlaqliq, din il-filosofija fil-Ftehim qafas tat-18 ta' Marzu 1999 dwar xogħol għal terminu fiss [22]. Fil-preambolu jingħad li r-rieda tal-partijiet soċjali hija li "jistabbilixxu qafas ġenerali biex jiżguraw trattament ugwali għal ħaddiema għal terminu fiss billi jipproteġuhom kontra d-diskriminazzjoni". Din ir-regola ta' assimilazzjoni tinsab, per eżempju, fl-Artikolu 15(6) tal-Estatuto de los Trabajadores Spanjol, fl-Artikolu L-1242-14 tal-Code du travail Franċiż, fil-Fixed-term Employees (Prevention of Less Favourable Treatment) Regulations 2002, fid-dritt Britanniku, u fil-Ftehim qafas muniċipali dwar l-impjiegi għal żmien speċifikat li jittrasponi d-Direttiva 1999/70 fid-dritt Daniż [23].

22 — Bid-Direttiva 1999/70, iċċitata iktar 'il fuq.

23 — Skont l-informazzjoni mogħtija fid-domanda preliminari, fid-Danimarka l-kundizzjonijiet applikabbli għal kuntratt għal żmien speċifikat huma differenti minn dawk għal żmien bla limitu biss minħabba l-eżistenza tad-data tat-tmiem tal-kuntratt; fil-każ ta' tkeċċija japplika l-istess terminu għall-avviż ta' tkeċċija u l-ħarsien meta jkun hemm tkeċċija illegali hu identiku. Madankollu, il-Højesteret iżżid li fil-kuntratti ta' diversi snin iċċitati ġeneralment konkluži ma' persuni li jokkupaw pożizzjonijiet ta' tmexxija għal ħames snin, il-ħaddiem jirċievi suppliment annwali speċjali li jżid ir-remunerazzjoni tiegħu minn 15 % għal 25 % meta mqabbel ma' dak ta' persuna oħra li tokkupa post ekwivalenti għal żmien bla limitu.

48. Kif ġie indikat fil-punt V.B ta' dawn il-konklużjonijiet, l-eċċezzjonijiet għan-notifika minn qabel, li hemm fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/533, huma intiżi biex jevitaw li l-osservanza ta' formalitajiet preliminari għar-rimedji ġudizzjarji tagħmilha diffiċili li jiġu mħarsa l-ħaddiema l-aktar żvantaġġati. Għaldaqstant, ma jkunx ġustifikat li n-notifika msemmija tiġi eskluża fir-rigward tal-ħaddiema kollha b'kuntratt għal żmien speċifikat, billi, jekk igawdu minn drittijiet identiċi allura għandhom ikunu suġġetti bl-istess mod għall-istess obbligi dwar proċedurali.

49. Il-koerenza interna tad-dritt Komunitarju teħtieġ li jkun hekk. Kif intqal iktar 'il fuq, id-Direttivi 75/129, 91/383 u 1999/70 jinkludu, f'diversi kuntesti, il-kliem kuntratti ta' xogħol "għal żmien/dewmien/terminu fiss [żmien speċifikat]". Id-Direttiva 91/383, li ġiet adottata ftit ta' xhur qabel dik li qed tiġi analizzata hawnhekk, tagħmel differenza bejn relazzjonijiet ta' impjieg "għal dewmien fiss [żmien speċifikat]" u dawk konklużi ma' "impriża ta' impjieg temporanju", u tikkaratterizza lil tal-ewwel bħala li ġejjin minn kuntratt li t-tmiem tiegħu huwa stabbilit minn kundizzjonijiet oġġettivi, bħal data speċifika, l-ikkompletar ta' dmir speċifiku jew il-fatt li jseħħ avveniment speċifiku (Artikolu 1) [24]. Minn din id-dispożizzjoni wieħed jiddeduċi li, jekk fid-direttiva kkonċernata l-leġiżlatur Komunitarju kellu f'moħħu li jirreferi għall-kuntratti kollha għal żmien speċifikat dan kien jagħmlu bl-użu tal-istess kliem, kif ġara fid-Direttivi 91/383 u 75/129 [25] u kif għamel snin wara fid-Direttiva 1999/70. Għal din ir-raġuni l-kon-

24 — L-Artikolu 3 tal-Ftehim qafas CES, UNICE u CEEP, iċċitat, hu redatt b'mod simili ħafna.

25 — Fejn l-Artikolu 1(2)(a) tagħha għandu x'jaqsam ma' "kuntratti ta' xogħol għal żmien speċifikat jew għal biċċa xogħol speċifika".

venut fil-kawża prinċipali wera ġustament li l-użu tal-espressjoni l-ġdida xogħol "temporanju" mhijiex il-frott ta' evoluzzjoni tal-lingwa biss, imma tikkorrispondi neċessarjament għal distinzjoni terminoloġika.

50. Iqumu xi dubji b'referenza għad-Direttiva 91/533 fil-lingwa Ġermaniża, għaliex bl-istess mod bħad-Direttivi 75/129, 1999/70 u 91/383, jintuża l-kliem "mit einem befristeten Arbeitsvertrag oder Arbeitsverhältnis", li huwa ekwivalenti għall-kategorija ġenerali ta' "kuntratti għal żmien speċifikat". Madankollu, din hija b'mod ċar eċċezzjoni fost id-diversi verżjonijiet tad-direttiva, għaliex kemm bil-Franċiż ("contrat ou relation de travail temporaire"), kif ukoll bl-Ingliż ("temporary contract or employment relationship"), it-Taljan ("contratto o rapporto di lavoro temporaneo"), il-Portugiż ("contratto ou relação de trabalho temporários") u l-Finlandiż ("tilapäinen työsopimus") il-kliem użat huwa simili għal dak Spanjol "contrato temporal", u minn dan jirriżulta li t-traduzzjoni Ġermaniża hija libera u diverġenti mill-oħrajn.

2. Id-dispożizzjoni tirreferi għal "impjiegi għal żmien qasir"

51. Issa, jekk l-espressjoni "kuntratt temporanju" m'għandhiex tinftiehem li tkopri kwalunkwe kuntratt ta' xogħol konkluż għal perijodu ta' żmien stabbilit minn qabel, hemm bżonn li jiġu ddefiniti r-relazzjonijiet ta' impjieg li għalihom tirreferi din l-espressjoni li sa issa ma ntużatx fil-kuntest ġuridiku Komunitarju.

52. Il-qorti tar-rinviju tipproponi bħala alternattiva "impjiegi għal żmien qasir", u ssostni li f'dawk il-każijiet, il-persuna kkonċernata tkun normalment f'sitwazzjoni anqas favorevoli.

53. Il-problema tqum mill-fatt li l-kategorija inkwistjoni ma tinsabx fl-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri kollha, li kultant jikkunsidraw b'mod ekwivalenti il-kliem "kuntratt temporanju" u "kuntratt għal żmien speċifikat". Bil-kontra, il-leġiżlazzjoni Daniża tirregola tip ta' relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien speċifikat, li l-Højesteret fid-digriet tar-rinviju tagħha tikklassifika bħala "relazzjonijiet ta' impjieg ta' natura temporanja", billi tikkaratterizzahom minħabba l-qosor tagħhom, il-fatt li ta' spiss il-ħlas ikun tant fis-siegħa u, aspett aktar rilevanti, il-fatt li s-soltu jkunu suġġetti għal kundizzjonijiet anqas favorevoli minn dawk applikabbli għall-ħaddiema l-oħra.

54. Fil-leġiżlazzjoni soċjali Ewropea, bl-eċċezzjoni tad-direttiva inkwistjoni, ma jidhirlix li jiżdied l-aġġettiv "temporanju" għal kategorija kuntrattwali indipendenti, ħlief b'referenza għar-relazzjonijiet ġejjin mill-hekk

imsejħin "impriż[i] ta' impjieg temporanju" (definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 91/383). Waħda mill-karatteristiċi ta' din ir-rabta partikolari ta' xogħol hija (jekk mhux fil-liġi, tal-anqas fil-fatt) il-prekarjetà tal-impjieg [26]. Dan il-fatt flimkien ma' oħrajn iwassalni biex nikkonkludi li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/533 huwa maħsub biex dawk li għandhom kuntratt tax-xogħol għal perijodu qasir igawdu minn aċċess dirett, aktar sempliċi, għall-qrati minħabba l-pożizzjoni aktar żvantaġġata li ġeneralment ikunu fiha.

55. It-tentattivi ripetuti tal-leġiżlatur Komunitarju u tal-Istati Membri stess intiżi biex jevitaw li jkun hemm użu eċċessiv ta' kuntratti prekarji u, b'mod partikolari, biex tinqered it-teknika li tikkonsisti fil-fatt li jiġu akkumulati kuntratti temporanji suċċessivi biex post jiġi kopert għal perijodu indefinit juri sew li, minkejja d-dikjarazzjonijiet pompużi ta' prinċipju, il-ħaddiem b'kuntratt għal żmien qasir huwa espost ferm aktar u nieqes minn ħarsien meta mqabbel ma' min għandu ftehim estiż fiż-żmien.

56. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, il-livell iktar baxx ta' ħarsien tal-impjegati b'kuntratti għal żmien qasir jidher li huwa kriterju essenzjali biex jiġi kkunsidrat li dawn ir-relazzjonijiet ta' impjieg huma dawk li l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/533 jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu tan-notifika minn qabel.

57. Il-kunċett ta' "kuntratt temporanju jew relazzjoni ta' l-impjieg [ta' natura temporanja]" jinsab ukoll fl-Artikolu 2(2)(e) tad-Direttiva 91/533. Filwaqt li telenka l-informazzjoni minima li min iħaddem għandu jikkomunika lill-ħaddiem, id-dispożizzjoni tindika "id-dewmien mistenni" tar-rabta meta jkun hemm "kuntratt temporanju jew relazzjoni ta' l-impjieg [ta' natura temporanja]". Ma tkunx ħaġa stramba li, anki f'dak il-każ, id-Direttiva 91/533 riedet tillimita l-protezzjoni għall-impjegati b'kuntratti li huma kkaratterizzati mill-qosor tagħhom u fejn ikun aktar utli li l-ħaddiem ikun jaf b'ċarezza, sa mill-bidu, id-data tal-iskadenza tal-kuntratt. Il-leġiżlatur nazzjonali jista' madankollu jestendi din il-ħtieġa ta' informazzjoni għall-kuntratti kollha għal żmien speċifikat.

58. Madankollu, mal-fattur ta' grad akbar jew iżgħar ta' stabbilità tal-impjieg jiżdied wieħed perfettament kronoloġiku, billi jidher raġonevoli li ħaddiem li l-kuntratt tiegħu tax-xogħol jasal fit-tmiem f'perijodu qasir ma jkunx obbligat jistenna ħmistax-il ġurnata oħra biex jiftaħ kawża biex iħares id-drittijiet tiegħu quddiem il-qrati. Fi kliem ieħor,

26 — Kif jenfasizzaw Alonso Olea u Casas Baamonde, l-aspett brutali ta' dawn ir-relazzjonijiet "triangolari" "es el tributo che el derecho paga por disimular su admisión de las agencias privadas de colocación" (huwa t-tribut li d-dritt jagħti biex jiġġustifika l-aċċettazzjoni tal-aġenziji privati ta' impjieg) (M. Alonso Olea u M. E. Casas Baamonde, *op. cit.*, p. 527).

hemm l-għan li jiġi evitat li l-formalità msemmija tipproduċi l-effett pervers li meta l-ħaddiem ikun jista' jirrikorri għar-rimedju, il-kuntratt tiegħu jkun skada diġà [27].

59. Għaldaqstant, l-espressjoni "kuntratt temporanju jew relazzjoni ta' l-impjieg [ta' natura temporanja]" li tinsab fid-Direttiva 91/533 ma tinkludix kull tip ta' relazzjoni ta' impjieg għal żmien speċifikat, imma dawk biss li jkunu għal żmien qasir.

60. Dan il-korollarju mhuwiex inkoerenti mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li f'okkażjoni oħra diġà użat il-kliem "impjieg għal perijodu temporanju" u "impjieg għal żmien qasir" biex tirreferi għal impjieg li dam għal xahrejn u nofs [28]. Jista' jagħti l-każ li din l-għażla terminoloġika kienet ikkundizzjonata mill-formulazzjoni tad-domanda preliminari, iżda, fi kwalunkwe każ, dan il-preċedent juri biċ-ċar li l-interpretazzjoni ssuġġerita għandha ċerta loġika interna.

27 — F'dan is-sens jipprovdi l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 91/533 li jimponi obbligu li l-ħaddiem jingħata informazzjoni fuq il-kuntratt sa mhux aktar tard minn xahrejn mill-bidu tax-xogħol, meta r-relazzjoni ta' impjieg tispiċċa qabel ma jgħaddi dak iż-żmien.

28 — Sentenza tas-6 ta' Novembru 2003, Ninni-Orasche (C-413/01, Ġabra p. I-13187, punti 18 u 25). Anki l-Avukat Ġenerali Geelhoed, fil-konklużjonijiet ta' dik il-kawża, ippreżentati fis-27 ta' Frar 2003, jikteb "relazzjoni ta' impjieg temporanju" (punt 52).

3. Il-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg ta' natura temporanja (għal żmien qasir)

61. Madankollu, l-espressjoni "kuntratt għal żmien qasir" mhijiex aktar ċara minn dik ta' "kuntratt temporanju" u għalhekk huwa indispensabbli, kif ġie aċċennat fl-aħħar tad-domanda preliminari inkwistjoni, li jiġu individwati ċerti regoli li jippermettu li tiġi ddefinita b'mod aktar konkret.

62. L-ebda soluzzjoni proposta f'dan ir-rigward mill-partijiet li għamlu osservazzjonijiet f'dawn il-proċeduri ta' domanda preliminari ma tidher, fil-fehma tiegħi, sodisfaċenti għal kollox.

63. Il-konvenut fil-kawża prinċipali jikkunsidra li, skont il-verżjoni Daniża tad-Direttiva 91/533, huwa ħaddiem temporanju kull ħaddiem impjegat għal żmien qasir b'kundizzjonijiet ħafna anqas favorevoli meta mqabblin ma' dawk li jgawdi ħaddiem li għandu kuntratt għal żmien speċifikat. Soluzzjoni bħal din taqbel mal-fatturi ta' eżeġezi indikati iktar 'il fuq, iżda fil-fehma tiegħi, toħloq problema ġdida ta' ermenewtika għaliex f'kull każ ikun hemm bżonn jiġi evalwat jekk il-kundizzjonijiet ta' xogħol miftehmin humiex vantaġġużi biżżejjed li jrendu neċessarju li jiġi sodisfatt ir-rekwiżit tan-notifika minn qabel.

64. Il-Gvern Taljan jissuġġerixxi li s-sentenza inkwistjoni tinqara fid-dawl tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 91/533, li tippermetti lill-Istati Membri li ma japplikawhiex għall-kuntratti jew relazzjonijiet ta' impjieg: a) meta l-perijodu totali tagħhom ma jaqbiżx xahar u/jew meta ġimgħa ta' ħidma ma taqbiżx it-tmien sigħat; jew b) fil-każ ta' kuntratti ta' natura okkażjonali, meta jeżistu kunsiderazzjonijiet oġġettivi li jiġġustifikaw li d-direttiva ma tiġix applikata. Din l-interpretazzjoni ma tidhirx li tirispetta r-rieda tal-awturi tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, li riedu jagħtu lill-Istati Membri l-possibilità li jeskludu xi relazzjonijiet ta' impjieg mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 91/533 (il-każijiet ikkontemplati fl-Artikolu 1(2), iċċitat) u jeżentaw minn kwalunkwe eżiġenza formali tipi oħrajn ta' kuntratti, dawk imsejħin temporanji (minbarra dawk tal-espatrijati u dawk tal-ħaddiema li mhumiex koperti minn ftehim kollettiv). Ma jkun loġiku xejn li impjegat li jaħdem anqas minn tmien sigħat fil-ġimgħa, għalkemm b'kuntratt fit-tul (jew għal perijodu bla limitu), ma jkunx obbligat jinforma lil min iħaddmu qabel ma jmur il-qorti.

65. Soluzzjoni alternattiva tikkonsisti fil-fatt li jiġi stabbilit il-perijodu massimu ta' kuntratt biex ikun jista' jissejjaħ "temporanju" għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/533, billi tissemma' ċifra skont l-argumenti ppreżentati fil-punt V.C ta' dawn il-konklużjonijiet. Il-limitu biex jiġi kkunsidrat li relazzjoni ta' impjieg hija ta' natura "temporanja" għandu jiġi stabbilit għal sena, per eżempju, fis-sens li ħaddiem b'kuntratt għal inqas żmien ikollu r-riskju, jekk jiġru affarijiet li għalihom tkun meħtieġa l-protezzjoni tal-qrati u li kieku jkun obbligat jagħti "perijodu ta' tolleranza" lil min iħaddmu biex dan ikun jista' jirrettifika l-kuntratt, li ma jkunx jista' jadixxi lill-qrati matul il-perijodu ta' validità tal-kuntratt tiegħu. Fl-istess ħin, min jokkupa impjieg għal anqas minn tnax-il xahar ġeneralment huwa f'pożizzjoni anqas żgura minn dik ta' persuna li tkun ftiehmet, *rebus sic stantibus,* li taħdem mal-impriża għal perijodu ta' żmien itwal.

66. Iżda fil-fehma tiegħi, mhijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha timla din il-lakuna leġiżlattiva. Ma jiġrix ta' spiss li l-Qorti tal-Ġustizzja tindika b'mod assolut terminu u tissostitwixxi lilha nfisha għal-leġiżlatur. Dan ġara fis-sentenza Grundig Italiana [29], deċiżjoni li nikkritika fil-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fil-kawża Recheio-Cash&Carry, ippreżentati fil-11 ta' Diċembru 2003 [30], billi l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tinterpreta d-dritt Komunitarju u tagħti lill-qrati nazzjonali linji gwida preċiżi għall-applikazzjoni tiegħu, imma bl-ebda mod ma hija awtorizzata "tintervjeni f'din l-aħħar operazzjoni ġuridika jekk ma tridx tinjora l-bażi ta' dan l-istrument ta' kollaborazzjoni bejn il-qrati, li timponi rispett skrupluż tal-oqsma ta' kompetenza ta' kull waħda minnhom. Fil-verità, meta tiddeċiedi b'dan il-mod, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun qed iġġib ruħha bl-istess mod bħal f'azzjoni diretta billi, meta tkun qed tinjora r-regoli tat-Trattat, tassumi poteri ta' ġurisdizzjoni sħiħa li jaffettwaw serjament il-ġurisduzzjoni sovrana tal-qorti nazzjonali biex tiddeċiedi l-kawża prinċipali" (punt 35) [traduzzjoni mhux uffiċjali].

29 — Sentenza tal-24 ta' Settembru 2002 (C-255/00, Ġabra p. I-8003).

30 — Sentenza tas-17 ta' Ġunju 2004 (C-30/02, Ġabra p. I-6051).

67. Għalhekk, quddiem is-silenzju tal-leġiżlatur Komunitarju, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiddefinixxu dan il-konfini każ b'każ, wara li jitqiesu t-termini tas-soltu f'dak il-qasam ta' attività kkonċernat u l-karatteristiċi tal-kuntratt.

68. Fl-osservazzjonijiet tiegħu, R. Andersen ifakkar li l-kuntratti kkontestati jidħlu fil-kuntest ta' programm ta' għajnuna għal min hu f'sitwazzjoni ta' qgħad, kif stabbilit mil-Lov om aktiv socialpolitik (Liġi Daniża fuq il-miżuri attivi ta' politika soċjali). Abbażi ta' din il-liġi, il-kuntratti ta' reintegrazzjoni professjonali jistgħu jirrigwardaw biss xogħlijiet li ma jkunux jistgħu jsiru fil-kuntest ta' kuntratt ta' xogħol normali. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali jiddeduċi minn din id-differenza li l-kuntratt ta' reintegrazzjoni professjonali huwa, intrisikament temporanju. F'dan il-każ, il-Højesteret għandha teżamina d-dettalji tar-relazzjoni ta' impjieg li Andersen kellu mal-awtoritajiet muniċipali ta' Skælskør, iżda l-Qorti tal-Ġustizzja tista' biss tenfasizza dan il-fatt.

69. Fl-apprezzament tal-elementi ta' fatt talkawża li ġiet adita biha, il-qorti tar-rinviju għandha tikkunsidra d-diversi sentenzi li jirreferu għall-kunċett ta' ħaddiem fis-sens Komunitarju. Dawn id-deċiżjonijiet ġew adottati fil-kuntest tal-moviment liberu talpersuni iżda għandhom utilità kbira għallinterpretazzjoni tad-dritt soċjali Ewropew.

70. Minn naħa, għandhom jissemmew is-sentenzi Lawrie-Blum u Bernini [31], li rriknoxxew favur persuna li tkun f'apprentistat, fil-kuntest ta' taħriġ professjonali, il-kundizzjoni ta' ħaddiem jekk il-funzjonijiet imwettqa fil-kundizzjonijiet ta' attività mħallsa jkunu reali u effettivi, konklużjoni li ma tistax tiġi invalidata minħabba l-fatt li l-produttività talpersuna kkonċernata hija żgħira ħafna, li taħdem biss għal numru żgħir ta' sigħat filġimgħa jew li taqla' biss remunerazzjoni limitata. Madankollu, hu meħtieġ li l-persuna kkonċernata taħdem għal biżżejjed sigħat biex tkun tista' tiffamiljarizza ruħha max-xogħol.

71. Min-naħa l-oħra, għandha ssir referenza wkoll għas-sentenza Bettray (għalkemm il-fatti ma jaqblux għal kollox ma' dawk ta' dan il-każ) [32]. Fir-rigward tas-sistema speċjali ta' kuntratti tal-Liġi Olandiża fuq ix-xogħol soċjali, il-Qorti tal-Ġustizzja affermat li l-attivitajiet eżerċitati fil-kuntest tal-imsemmija liġi ma kinux attivitajiet ekonomiċi reali u effettivi billi jirrappreżentaw biss strument għar-riedukazzjoni jew għar-reintegrazzjoni tal-persuni kkonċernati u li x-xogħol imħallas, immudellat fuq il-kapaċitajiet fiżiċi u psikoloġiċi tal-individwu, għandu l-għan li jippermetti lill-persuni kkonċernati jirkupraw, fi żmien xi ftit jew wisq twil, il-kapaċità li jokkupaw impjieg ordinarju jew li jagħtihom aċċess għal eżistenza kemm jista' jkun normali.

31 — Sentenzi tat-3 ta' Lulju 1986, Lawrie-Blum (66/85, Ġabra p. 2121) u tas-26 ta' Frar 1992, Bernini (C-3/90, Ġabra p. I-1071).

32 — Sentenza tal-31 ta' Mejju 1989, Bettray (344/87, Ġabra p. 1621).

VI — Konklużjoni

72. Fid-dawl tar-riflessjonijiet esposti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi d-domandi preliminari tal-Højesteret, b'dan il-mod:

"1) L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE, tal-14 ta' Ottubru 1991, dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kundizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni ta' l-impjieg, iħalli lill-Istati Membri liberi li jestendu ftehim kollettiv intiż biex jittrasponi din id-direttiva fid-dritt nazzjonali, lill-individwi li mhuma membri tal-ebda sindakat li nnegozjah.

2) L-espressjoni 'ħaddiema mhux koperti minn ftehim kollettiv jew minn ftehim kollettivi li jirrelataw mar-relazzjoni ta' l-impjieg' li tinsab fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva ċċitata m'għandhiex tiġi interpretata fis-sens li l-klawżoli ta' ftehim li jimponu n-notifika minn qabel ta' min iħaddem ma japplikawx għal ħaddiem li mhuwiex membru ta' wieħed mis-sindakati li nnegozjaw dan il-ftehim.

3) L-espressjonijiet 'kuntratt temporanju' u 'relazzjoni ta' l-impjieg [ta' natura temporanja]' li jinsabu fl-Artikolu 8(2) tad-direttiva msemmija ma jirreferux għal kull tip ta' relazzjoni ta' impjieg għal żmien speċifikat, imma biss għal dawk għal żmien qasir. Biex jiġi stabbilit jekk relazzjoni ta' impjieg hijiex temporanja, għandhom jiġu eżaminati t-termini ġeneralment miftiehma fil-qasam tal-attività kkonċernata, kif ukoll il-karatteristiċi u n-natura tal-kuntratt."